MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru 554/2008

Il-Pulizija
(Spettur Johann J Fenech)

vs

Horace Lomax

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 493682M, akkuzat talli:

1. fit-12 ta' Lulju 2007 ghal habta tal-10.30p.m. fi Triq Alfredo Cachia Zammit, Zejtun, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Esther Pulis miz-Zejtun;

2. fl-istess data, lok u hin saq vettura ta’ l-ghamla Hyundai bin-numru ta’ registrazzjoni GAT868 b’manjiera perikoluza u traskurata u b’velocita’ eccessiva.

Il-Qorti mitluba li tisspospendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewwieq ta’ l-imputat ghall-perjodu ta’ zmien li jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta incident stadali li fih sfortunatament mietet anzjana. L-incident gara fi Triq Alfredo Cachia Zammit iz-Zejtun u d-dinamika tieghu giet stabbilita filli waqt li l-imputat kien wahdu jsuq vettura tal-marka Huundai Accent numru ta’ registrazzjoni GAT868 accidentalment tajjar lill-anzjana li mietet per konsegwenza. Hu stabbilit li l-incident sehh f’salib it-toroq precisament fil-kantuniera ma’ Triq Santa Katerina u ftit metri boghod minn ‘pedestrian crossing’. Bhala fatt jirrizulta li l-imputat li kien juza din it-triq ta’ sikwit kien qed isuq b’velocita’ ta’ 35m.f.s. Dwar l-incident tlesta process verbal, li jinsab esebit in atti, fejn permezz tal-perit tekniku nominat gie konstatat li s-sinistrata ntlaqtghet b’velocita’ ta’ 31m.f.s izda mhux biss billi skond kalkulazzjonijiet maghmula mill-espert tekniku rrizulta li b’velocita’ ta’ 30m.f.s l-incident ma kienx isehh billi l-vettura kienet tieqaf f’distanza ta’ 4.77 metri qabel.

Hawnhekk il-Qorti ezaminat ix-xhieda tal-imputat li nghatat quddiema li fil-partijiet krucjali taghha ma skossatx dik li kienet il-kawza prossima tal-incident. Fi kliem il-perit tekniku din il-kawza prossima hi attribbwibbli ghall-velocita’ li biha kienet qeghdha tinstaq il-vettura. Il-Qorti

wara li ezaminat ic-cirkostanzi hija konkordi. Izzid tghid li l-velocita' apparti dik regolamentari, li fil-kaz 'de quo' kienet fil-limiti, tista' talvolta titqies bhala fattur determinanti f'certi cirkostanzi. Il-principju li jirregola s-sewqan ghandu dejjem ikun li sewwieq ghandu jadatta s-sewqan tieghu u b'konsegwenza l-velocita' tieghu ghal, per ezempju, il-konfigurazzjoni tat-triq, ghall-fatturi klimatici u l-lokalita'. Fic-cirkostanzi huwa fatt, spjegat mill-imputat, li huwa kien gia' skorra 'traffic lights' u kien konsapevoli li kien qieghed javvicina 'pedestrian crossing'. Di piu' t-triq kienet mudlama u dan skond ma xehed. Kwindi rrespettivament minn kollox l-velocita' li kien qed isuq biha kienet eccessiva fic-cirkostanzi u xejn, fil-fehma tal-Qorti, ma jaggevola lill-imputat l-fatt li s-sinistrata ttentat taqsam it-triq mhux minn fuq il-linji pedonali. Fattur iehor li l-Qorti tar jimmilita kontra l-imputat hu l-fatt li s-sinistrata fil-hin tal-impatt kienet gia' qasmet xi tlett kwarti tat-triq. Li l-Qorti tikkoncedi bhala fatt mitiganti hu li s-sinistrata kellha hi wkoll obbligi li qabel ma pprocediet biex taqsam kollha tesplora tajjeb it-triq kienet hielsa mit-traffiku u jekk hemm strixxi pedonali, kif kien hemm, taghmel uzu minnhom.

Mill-bqija hi l-fehma taghha li l-imputat ma kienx qieghed isuq b'manjiera traskurata jew perikoluza izda minghajr id-debita attenzjoni.

Ghalhekk tiddikjarah u ssibu hati tal-ewwel imputazzjoni. Rat l-Artikolu 225 tal-Kap 9.
Tikkundannah elf u hames mitt ewro multa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------